# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 701

KAZ NRU. 982

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

l-Awtorita' ta' l-Ippjanar

u

l-Union Professjonisti Awtorita' ta' l-Ippjanar

rigward l-introduzzjoni ta' Ftehim Kollettiv

Data : 25 ta' Marzu 1996

Chairman : Is-Sur Carmel Debono

Membri : Is-Sur Albert J. Tabone
Is-Sur Maurice Petrocochino

## 1. INTRODUZZJONI

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 15 ta' Novembru 1995 Ref. ME 4/95/91 biex tigi processata skond l-Att XXX tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li minn issa tidher bhala l-Awtorita' kienet rapprezentata mis-sur Godwin Cassar A & CE, Chief Executive

u s-sur Stephen Caruana, Business Unit Manager, assistiti mill-avukat Joseph J. Vella waqt li l-Union Professjonisti Awtorita' ta' l-Ippjanar li minn issa tidher bhala l-Union kienet rapprezentata mis-sur Jos. Scalpello, President, is-sur Adrian Mallia, Segretarju u s-sinjorina Marie Briguglio, Membru tal-Kumitat Ezekkuttiv assistiti mill-avukat Andrew Borg Cardona.

2. PRELIMINARI

Issejhet seduta preliminari mic-Chairman li nzammet fis-16 ta' Novembru 1995, fejn il-partijiet gew mitluba ma jiehdux azzjoni. Il-Union bhala sinjal ta' rieda tajba ssospendiet l-azzjoni li kienet behsiebha tiehu.
F'din is-seduta l-partijiet ghazlu u qablu dwar ir-rapprezentanti taghhom fit-Tribunal.

Fl-ewwel seduta l-isem tas-sur France Mallia, Vici-President tal-Union gie mizjud ma' dawk li kienu sejrin jirrapprezentaw lill-Union.

3. TERMS OF REMIT

Fl-ewwel seduta l-partijiet qablu li t-Terms of Remit ikunu dawk sottomessi mill-Awtorita' fli-"Statement of Case" cioe :-

"That the terms and conditions offered by the Authority for a new Collective Agreement between the Authority and the U.P.A.P. are fair and reasonable in terms of the law and consequently should be adopted by this Tribunal."

## 4. XHIEDA

Tul il-process tat-Tilwima instemghu x-xhieda segwenti :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur John Bonnici | - | Segretarju Permanenti Ministeru ta' l-Ambjenti |
| Is-sur Godwin Cassar | - | Chief Executive ta' l-Awtorita' |
| Is-sur Joe Scalpello | - | President tal-Union |
| Is-sur David Mallia | - | Ufficcjal tal-Awtorita' |
| Is-sur Mario Scicluna | - | Area Team Manager |
| Is-sur Frans Mallia | - | Vici-President tal-Union |
| Is-sur Adrian Mallia | - | Segretarju tal-Union |
| Is-sinjorina Yvette Rizzo | - | Planning Officer |
| Is-sur Alex Camilleri | - | Planning Officer |
| Dr. Tony Degaetano LL.D. | - | Legal Counsel ta' l-Awtorita' |
| Is-sinjorina Marie Briguglio | - | Membru tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Union |
| Is-sur Raymond Ernest Taylor | - | Manager Environment Unit |
| Profs. Patrick Schembri | - | Membru tal-Heritage Board |
| Is-sur John Wallin | - | Human Resources Consultant |

## 5. DOKUMENTI

Tul il-process tat-Tilwima gew esebiti u prezentati s-segwenti dokumenti :-

(a) Estratt mill-Malta Business Weekly October 1995.

(b) Estratt mill-Ftehim Kollettiv bejn il-Mid-Med Bank u l-M.U.B.E.

(c) Estratt mis-Sunday Times tat-3 ta' Settembru 1995 dwar Tele-

Malta Vacancy Advert.

(d) Lista ta' mpjegati li hadmu "extra hours" bejn Jannar u Novembru 1995.

(e) Skeda ta' Performance Bonus ghall-Professional Officers.

(f) Grading Structure ta' l-Awtorita'.

(g) Kopja tal-Ftehim Kollettiv propost mill-Awtorita'.

(h) Kopja ta' l-offerta tal-Management.

(i) Kopja ta' Ftehim bejn l-Awtorita' u l-Union Periti tal-Gvern u Parastatali.

(j) Fotokopja ta' Kuntratt tax-Xoghol bejn l-Awtorita' u wiehed mill-professjonisti.

(k) Kopji ta' skajjel Salarjali tas-segwenti :-
Management Systems Unit, Bank of Valletta, Telemalta Corporation, Enemalta Corporation, Malta Freeport u l-Mid-Med Bank.

(l) Fotokopja ta' ittra datata 17 ta' Novembru 1993 mis-sur Jos. Curmi lill-President Union Periti tal-Gvern u Parastatali.

(m) Fotokopja ta' ittra datata 27 t'April 1995 mibghuta mill-Awtorita' lis-sur Alex Camilleri dwar l-allokazzjoni u l-uzu ta' Hired Car.

(n) Kopji ta' zewg supplements ghas-sottomissjonijiet Finali dwar il-beneficcji salarjali u allowances tal-gradi "B" u "D" kif proposti mill-Awtorita'.

## 6. CLAIMS U OFFERTI

Wara 22 laqgha bejn l-Awtorita' u l-Union li rrizultaw f'deadlock, il-partijiet ma waslux fi ftehim fuq il-punti ta' hawn taht. It-tahdidiet bejn l-Awtorita' u l-Union kienu dwar l-ewwel Collective Agreement bejniethom.

(i) Salarji

(ii) Arretrati

(iii) Expense u Car Allowances

(iv) Overtime u Disturbance Allowance

(v) Shut-down u hinijiet tax-xoghol

(i) Salarji

X'qieghda titlob il-Union u x'inhi toffri l-Awtorita'.

| | MINIMUM | | MAXIMUM | |
|---|---|---|---|---|
| Grad "A" | Union | Awtorita' | Union | Awtorita' |
| Assistant Planning Officer jew ekwivalenti | 5016 | 4468 | 5794 | 5695 |
| Grad "B" Planning Officer jew ekwivalenti | 5320 | 4855 | 6744 | 6353 |
| Grad "C" Senior Planning Officer jew ekwivalenti | 5700 | 5435 | 7676 | 7050 |
| Grad "D" Middle Manager | 6669 | 5937 | 8276 | 7708 |
| Grad "E" Senior Manager | 7695 | 6885 | 9320 | 8924 |

Il-Minimum huwa mitlub ghas-sena 1995/96 waqt li l-maximum hu ghas-sena 1997/98. Il-union trid zieda qawwija fl-ewwel sena u dawk sussegwenti aktar baxxi waqt li l-Awtorita' trid taghti ziediet indaqs fuq tlett snin.

(ii) Arretrati

Il-Union qeghda toggezzjona ghall-proposta tal-Awtorita' li taghti l-arretrati fuq rata mnaqqsa ghal kull sena tat-tlett snin li ghaddew jigifieri 5% ghall-1995, 4% ghall-1994 u 3% ghall-1993.

Il-Union tikkontendi li l-arretrati li nghataw lill-impjegati tac-civil inhadmu ugwali mal-pagi offruti. L-arretrati huma applikab-

bli ghall-dawk il-professjonisti li kienu gew "detailed" minn mal-Gvern ghall ma' l-Awtorita' u ghall dawk il-professjonisti l-ohra li gew impjegati ma' l-Awtorita' mid-data li fiha gew ingaggati.

(iii) Expense u Car Allowances

Dawn u fill-fatt huma zewg "items" separati, fejn ta' l-ewwel timplika rikonoxximent ghar-responsabbilita' tal-posizzjoni ta' l-individwu, waqt li tat-tieni tirrigwarda l-allowance ghall-uzu ta' karozza fil-qadi tad-dmirijiet.

Expense Allowance

Il-Union qeghda titlob li din l-allowance ghandha tissejjah "Supervision Allowance".

| | Offerta ta' l-Awtorita' | Il-Claim tal-Union |
|---|---|---|
| Grad "A" | Lm200 | Lm250 |
| Grad "B" | Lm260 | Lm300 |
| Grad "C" | Lm330 | Lm300 |
| Grad "D" | Lm380 | Lm400 |
| Grad "E" | Lm440 | Lm500 |

Car Allowance

L-Awtorita' tirreteni li l-gradi "C" "D" u "E" jistghu jew jinghataw karozza mikrija mill-Awtorita' jew "car allowance" ta' Lm1,240 fis-sena skond l-esigenzi ta' l-Awtorita'.

L-Awtorita' tirreteni li ghandha d-dritt li tista' talloka karrozza lill-gradi "A" u "B" jekk fid-diskrezzjoni tal-Management dan ikun mehtieg. Il-Union qeghda tinsisti li l-gradi "A" u "B" jigu allokati karrozza jew allowance ta' Lm1,100 u Lm1,200 fis-sena rispettivament, fil-waqt li l-Gradi "C", "D" u "E" jinghataw allowance ta' Lm1,300, Lm1,400 u Lm1,400 fis-sena rispettivament jew karrozza.

Fil-kaz ta' l-ahhar tlett (3) gradi, l-Union trid li l-ghazla ta' "allowance" jew karrozza tkun f'idejn l-ufficcjal involut. Il-Management qieghed jopponi t-talba tal-Union.

(iv) <u>Overtime u Disturbance Allowance</u>

Dawn iz-zewg items huma relatati. L-Awtorita' trid li l-gradi "C", "D" u "E" ikunu ntitolati ghall-Disturbance Allowance sa 15%.

Il-Union taqbel li l-gradi "D" u "E" ikunu ntitolati ghall-Disturbance Allowance bhala rikompens ghall-hin fuq xoghol wara l-hin normali ta' mhux anqas minn 5 sieghat f'gimgha izda ma taqbilx li dan ghandu japplika ghall-Grad "C" ghax il-Union ma tqisux bhala Manager.
Il-Union tikkontendi li dan il-grad ghandu jkun intitolat ghall-hlas ta' "overtime".

Fir-rigward tal-gradi "D" u "E" il-Union qeghda titlob li d-Disturbance Allowance ghandha tkun estiza ghall-25% f'kazi straordinarji.

(v) Shut-down u Hinijiet tax-Xoghol

Bhala parti mill-Ftehim Kollettiv l-Awtorita' pproponiet hinijiet tax-xoghol godda kif ukoll "shut-down" ghall-perjodu tal-Milied.

Il-Union qeghda topponi l-proposti ta' l-Awtorita', ghar-raguni li tqis il-hinijiet proposti godda bhala aghar minn dawk prezenti. Il-Union qalet li ghamlet diversi proposti ta' hinijiet ghad-dhul u hrug minn fuq ix-xoghol li ma gewx accettati mill-Awtorita'

Fil-kaz li ma tigix accettata l-ebda proposta taghha, l-Union tippreferi li l-hinijiet prezenti jibqghu l-istess.

Rigward ix-"shut-down" l-awtorita' qeghda tipproponi li jkun hemm "shut-down" fil-perjodu 23 ta' Dicembru sal-1 ta' Jannar. Il-Union topponi din il-proposta ghax tikkontendi li tillimita l-liberta' ta' l-individwu minghajr ebda gustifikazzjoni.

L-Awtorita' trid li waqt ix-"shut-down" izzomm id-dritt li jista' jkollha prezenza ta' ufficcjali essenzjali biex tkopri esigenzi.

7. SOTTOMISSJONIJIET

L-Awtorita' ssottommettiet li fuq principju generali ma setghetx taqbel mal-kontenzjoni tal-Union dwar paraguni ta' salarji ma korporazzjonijiet ohra, li prezentament ghandhom kundizzjonijiet u salarji b'rizultat ta' snin twal ta' negozjar li gew "improved"

fuq perjodu konsiderevoli ta' zmien.

Barra minn hekk xi whud minnhom kienu fuq bazi kummercjali li kellhom introjtu, waqt li l-Awtorita' kienet primarjament entita' ta' servizz pubbliku minghajr dhul ta' fondi ghajr dawk provduti mill-Gvern.

L-Awtorita' kienet ukoll kostretta li taccetta numru ta' nies li kienu originarjament impjegati tal-Gvern fi zmien relattivament qasir ta' tlett (3) snin, fattur li jirrendi lill-Awtorita' iggorr obbligazzjonijiet socjali, anke jekk kienet tahseb li setghet tghaddi minghajrhom jew li kellhom ikunu anqas.

L-Awtorita' kkontendiet li l-pakkett li offriet lill-Union kien wiehed ragoneveli u sostanzjalment ghola minn dak li joffri haddiehor. Tant hu hekk, qalet l-Awtorita' li l-Union ma riditx tassocja l-"claims" taghha mal-Collective Agreements tat-TeleMalta u l-Mid-Med Bank.

L-Awtorita' sostniet li l-offerta salarjali kienet ta' 6% ghal tlett snin, li hu ta' 18% akkumpanjat ma "rationalization" tas-salarji li jkun iffisser zieda medja addizjonali ta' 2% ohra. Gabet ezempju li fi Grad "B" jista' jkun hemm aggustament ta' "rationalisation" u "topping up" fis-salarji ta' 27%.

Ghar-rigward tal-argument tal-Union dwar certi spejjes l-Awtorita' qalet li dawn kienu necessarji, bhal l-istallar ta' "air conditioning" fl-ufficcji taghha ghall-beneficcji tal-istess impjegati

u l-uzu tat-trasport "hired" u "impressed". Dawn ma kienux spejjez ta' tberbiq izda necessitajiet ghall-aktar kumdita' u efficcjenza tal-Awtorita'.

L-Awtorita' finalment irreferit ghad-disposizzjoni tal-Ligi 30 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Artiklu 6 tal-Att tal-1992 li stabbilixxa l-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Gie irrilevat li l-Artiklu 32 tal-Industrial Relations Act jimponu dover jew obbligu tat-Tribunal li jiehu f'kunsiderazzjoni is-Social Policies tal-Gvern u policies ohra ekonomici bil-ghan li d-decizzjonijiet tat-Tribunal jzommu ir-relattivita' mal-kundizzjonijiet ta' l-impjegati tal-entitajiet Parastatali u ta' dawk li ghandhom Public Officers.

Ghar-rigward ta' l-Artiklu 6 tal-Att tal-1992 dwar il-Planning Authority, l-Awtorita' kkontendiet li hija obligata titlob konsultazzjoni mal-ufficcju tal-Prim Ministru jew dak delegat floku meta tigi biex tiffissa salarji u kundizzjonijiet. L-Awtorita' sostniet li l-ligi timplikja li hija ma kinitx libera li tiffissa jew taqbel ma salarji proposti mill-Union minghajr l-approvazzjoni tal-Gvern, f'dan il-kaz il-Ministeru tal-Ambjent. Fi ftit paroli, l-Awtorita' kkontendiet li l-Ligi kif inhi torbot idejn it-Tribunal u ghalhekk ma jistax jiddipartixxi minnha.

Finalment l-Awtorita' argumentat li rrispettivament mir-"restraints" tal-Ligijiet, l-offerta taghha hija wahda "fair u reasonable" li kapaci toqghod fuq saqajha wehida skond il-meriti

taghha.

Minn naha taghha, l-Union ikkontestat il-kontenzjoni tal-Awtorita' ghar-rigward tal-aspett legali mqajjem minnha li z-zewg ligijiet cioe' dik dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-ohra tal-1992 dwar l-Awtorita', li skond l-Awtorita' torbot lit-Tribunal f'certi aspetti.

Il-Union argumentat li l-aspett legali qatt ma ssemma tul-smigh tal-proceduri u staqsiet il-ghala gie rilevat fis-sottomissjonijiet finali, ghax fil-fehma taghha kienet l-Awtorita' li rreferiet it-Tilwima ghall-gudizzju tat-Tribunal Industrijali li tammonta ghall-assurdita' li rreferit it-Tilwima jekk skond l-Awtorita' t-Tribunal ma setghax jibdel l-offerta ta' l-Awtorita', skond il-Union, l-argument tal-Awtorita' kien jikkonferma li effettivament harset biss lejn is-salarji fic-Civil meta ghamlet il-"comparisons". Meta rreferit ghal-"capping" li l-Awtorita' jrid jaghmel fis-salarji ta' certi gradi, l-Union sostniet li din kienet problema ta' l-Awtorita' u kemm kienet serja fl-attwalita'. Il-Union ikkontendiet li t-Tribunal ma kellux quddiemu jekk Unions ohra accettaw l-offerta ta' l-Awtorita' ghal zieda fil-pagi. L-anqas ma kien validu, skond il-Union l-argument tal-Awtorita' li ma setax isir paragun mal-M.S.U. ghax din kellha proporzjon gholi ta' esperti barranin, kwindi seta' kellhom salarji gholjin.

Il-Union sostniet li l-offerta tal-Management ghall-dawk li kienu jirrigwardaw salarji kienet baxxa, mhux ghax l-offerta hija hazina ghax "overall" ma hijiex, izda kkunsidrata mas-suq, kienet relat-

tivament inferjuri. Il-Union argumentat li wiehed ma setax jirreferi ghal kontenut tal-Ligi dwar Relazzjonijiet Industrijali u l-ohra tal-1992 dwar it-twaqqif ta' l-Awtorita' biex jinblokka t-talbiet taghha u fl-istess hin l-Awtorita' tikkontendi li l-offerta taghha hija tajba. Fil-fehma tal-Union, jew wahda jew l-ohra. Wara kollox qalet il-Union kif setghet l-Awtorita' tirreferi ghar-restrizzjonijiet legali dwar salarji meta dawn gew injorati f'postijiet ohra.

Il-Union ikkonkludiet li kienet l-Awtorita' stess li ghazlet li tissostitwixxi l-process ta' konsultazzjoni mal-Gvern dwar l-offerta salarjali bil-gudizzju tat-Tribunal Industrijali u l-istess Awtorita' issa targumenta li t-Tribunal ma setax jibdel l-offerta tal-Awtorita'.

F'osservazzjoni addizjonali, dwar l-aspett legali, l-Awtorita' rrilevat li ghalkemm setghet ma semmieta xejn, deherilha li tigbed l-attenzjoni tat-Tribunal ghal-ezistenza tal-Ligi u bl-ebda mod ma riedet tghid lit-Tribunal x'ghandu jaghmel. Qalet li irrespettivament kemm il-Ligi kienet tajba jew le, l-fatt jibqa' li l-Ligi ma tistax tigi njorata, galadarba l-iskop kollu tal-Ligi huwa dak li tiggwida u tghid lill-gudikant x'ghandu jaghmel.

Il-Union irrispondiet l-osservazzjoni ta' l-Awtorita' fuq l-aspett legali billi kkontendiet li jekk l-"over-riding" punt tal-Ligi hu l-harsien tas-Social Policy, wiehed irid jara kemm din kienet osservata.

F'dan ir-rigward it-Tribunal irid jiddikjara li meta tilwima tax-xoghol tigi riferita ghall-kunsiderazzjoni u gudizzju tieghu, huwa vestit bl-inkarigu assolut u ndipendenti li jaghti decizjoni ekwa, governata mill-konsiderazzjonijiet citati hawn fuq fid-dawl tal-posizzjoni attwali ta' skajjel salarjali ta' gradi ta' mpjegati f'entitajiet parastatali, f'dawk l-entitajiet li l-Gvern ghandu kontroll u/jew interess kif ukoll ma dawk ta' ufficcjali pubblici.

9. DECIZJONI

(i) Salarji

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li s-salarji ta' l-impjegati professjonisti ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar kif elenkati fil Gradi "A", "B", "C", "D" u "E"" jkunu kif jidher hawn taht :-

| | Min. | Increment | Max. |
|---|---|---|---|
| Grad "A" | Lm4,666 | by Lm180 | Lm5,794 |
| Grad "B" | Lm5,053 | by Lm190 | Lm6,426 |
| Grad "C" | Lm5,633 | by Lm200 | Lm7,248 |
| Grad "D" | Lm6,135 | by Lm220 | Lm7,906 |
| Grad "E" | Lm7,085 | by Lm315 | Lm9,125 |

Dawn l-iskajjel salarjali ghandhom jinhadmu u jigu applikati kif jidher hawn taht b'effett mill-1 ta' Lulju 1995.

| | 1995/96 | 1996/97 | 1997/98 |
|---|---|---|---|
| Grad "A" | 5,386 | 5,590 | 5,794 |
| | 5,206 | 5,410 | 5,614 |
| | 5,026 | 5,230 | 5,434 |
| | 4,846 | 5,050 | 5,254 |
| | 4,666 | 4,870 | 5,074 |

| | 1995/96 | 1996/97 | 1997/98 |
|---|---|---|---|
| Grad "B" | 6,003 | 6,226 | 6,426 |
| | 5,813 | 6,036 | 6,236 |
| | 5,623 | 5,846 | 6,046 |
| | 5,433 | 5,656 | 5,856 |
| | 5,243 | 5,466 | 5,666 |
| | 5,053 | 5,276 | 5,476 |
| Grad "C" | 6,633 | 6,940 | 7,248 |
| | 6,433 | 6,740 | 7,048 |
| | 6,233 | 6,540 | 6,848 |
| | 6,033 | 6,340 | 6,648 |
| | 5,833 | 6,140 | 6,448 |
| | 5,633 | 5,940 | 6,248 |
| Grad "D" | 7,235 | 7,572 | 7,906 |
| | 7,015 | 7,352 | 7,686 |
| | 6,795 | 7,132 | 7,466 |
| | 6,575 | 6,912 | 7,246 |
| | 6,355 | 6,692 | 7,026 |
| | 6,135 | 6,472 | 6,806 |
| Grad "E" | 8,345 | 8,735 | 9,125 |
| | 8,030 | 8,420 | 8,810 |
| | 7,715 | 8,105 | 8,495 |
| | 7,400 | 7,790 | 8,180 |
| | 7,085 | 7,475 | 7,865 |

(ii) Arretrati

It-Tribunal jiddeciedi li l-arretrati ghall-dawk eligibbli ghalihom ghandhom ikunu f'persentagg uniformi ta' hamsa fil-mija (5% ghas-snin 1992/93, 1993/94 u 1994/95).

(iii) Expense u Car Allowances

It-Tribunal jiddeciedi li l-Expense Allowance ghandha tkun kif tidher hawn taht :-

| | |
|---|---|
| Grad "A" | Lm225 |
| Grad "B" | Lm280 |
| Grad "C" | Lm315 |

| | |
|---|---|
| Grad "D" | Lm390 |
| Grad "E" | Lm470 |

Car Allowance

It-Tribunal jiddeciedi li l-"Car Allowance" ghandha tkun l-istess ghall-gradi kollha kif proposta mill-Awtorita' cioe' ta' Lm1,240 fis-sena bid-dritt li d-decizjoni ta' min ghandu jinghata "car allowance" tkun vestita fil-Management li ghandha tkun governata mill-esigenzi tas-servizz u l-htigijiet ta' l-Awtorita' u ma ghandhiex titqies u/jew tkun ikkunsidrata bhala "fringe benefit".

(iv) Overtime u Disturbance Allowance

It-Tribunal jiddeciedi li l-Gradi "A", "B" u "C" ghandhom ikunu ntitolati ghal-hlas tar-rati ghas-sahra (overtime).
Peress li l-Gradi "D" u "E" invista tad-doveri taghhom u r-responsabbilita' li jgorru, ghalkemm kundizzjonati li jsegwu l-hinijiet stabbiliti tax-xoghol, huma mistennija li jattendu u jkunu fuq xogholhom skond il-bzonn qabel u wara l-hinijiet stabbiliti tad-dhul u hrug.

It-Tribunal ghahekk jaqbel li l-gradi "D" u "E" ikunu kundizzjonati li ma jithallsux ghall-ewwel 20 siegha xoghol f'xahar kalendarju li jkunu "in excess" fuq is-sieghat kontrattwali tax-xoghol.

Izda meta dawn iz-zewg gradi jahdmu izjed minn dawn l-imsemmija 20 siegha minghajr hlas f'xahar kalendarju, huma ghandhom jithallsu

"Disturbance Allowance" ta' 15% tal-"Basic Salary" tal-grad taghhom ghall-15 il-siegha wara l-ewwel 20 siegha u bir-rata ta' 20% tal-"Basic Salary" tal-grad ghas-sieghat li jkunu hadmu l-fuq minn l-imsemmija 15 il-siegha, dejjem f'xahar kalendarju.

(v) <u>Shutdown u Hinijiet tax-Xoghol</u>

It-Tribunal jiddeciedi li l-Awtorita' ghandha d-dritt tistabbilixxi "shut-down" bejn it-23 ta' Dicembru u l-1 ta' Jannar, iz-zewg dati nkluzi, izda jekk u meta l-Awtorita' tkun tinhtieg l-attendenza u s-servizz ta' mpjegati waqt il-perjodu tax-"shut-down", dawk involuti li jkunu metiega jidhlu ghax-xoghol, u dan japplika ghall-gradi kollha, ghandhom jithallsu addizzjonali bir-rata doppja (double rate).

<u>Hinijiet tax-xoghol</u>

Rigward il-hinijiet tax-xoghol it-Tribunal jiddeciedi li dawn ghandhom ikunu kif jidher hawn taht:

Bejn Ottubru u Gunju

7.30a.m./8.30a.m. 4.30p.m./5.30p.m.

F'Lulju u Settembru

7.00a.m./8.00a.m. 1.30p.m./2.30p.m.

F'Awissu

7.00a.m./1.30p.m.

L-attendenza tkun fuq il-bazi ta' "flexitime" bl-applikazzjoni tal-"Coretime" u "Lunch Break" kif jidhru fl-Annex C prezentat ma l-istatement of case ta' l-Awtorita'.

Il-gradi kollha minn "A" sa "E" ghandhom ikunu suggetti li jik-klokkjaw il-hinijiet tal-hrug u dhul.

Fil-perjodu tax-"shut-down" l-impjegati huma ntitolati ghall-jumejn (2) btajjel pubblici.

Il-kumplament tal-granet tax-xoghol li jaqghu fil-perjodu tax-shutdown jittiehdu mill-"Leave entitlement" annwali kif jidhru fl-Annex C prezentat ma l-istatement of case ta' l-Awtorita'.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

------------------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

------------------------------
**Albert J. Tabone**
**MEMBRU**

------------------------------
**Maurice Petrocochino**
**MEMBRU**

------------------------
**Edwin Spiteri**
**SEGRETARJU**

mrg